DIRETTIVI

DIRETTIVA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/432

tat-23 ta' Marzu 2020

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE fir-rigward tad-definizzjoni tal-ħxejjex u l-lista ta' ġeneri u speċijiet fl-Artikolu 2(1)(b)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxejjex ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tagħha,

Billi:

(1) Fid-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/990 ([2]), li emendat l-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2002/55/KE, id-definizzjoni ta' "ħxejjex" qabel it-tabella f'dak l-Artikolu tħassret bi żball. Minħabba f'hekk, l-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2002/55/KE ma għadux jinkludi definizzjoni ta' "ħxejjex", li hija parti essenzjali minn dik id-Direttiva.

(2) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2002/55/KE tiġi kkoreġuta skont dan.

(3) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, jenħtieġ li d-data ta' traspożizzjoni stabbilita f'din id-Direttiva taqbel mad-data tat-traspożizzjoni stipulata fid-Direttiva ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/990.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emenda tad-Direttiva 2002/55/KE

Id-Direttiva 2002/55/KE hija emendata kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2020, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Lulju 2020.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

([1]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33.

([2]) Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/990 tas-17 ta' Ġunju 2019 li temenda l-lista tal-ġeneri u tal-ispeċijiet fl-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE, fl-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/72/KE u fl-Anness tad-Direttiva tal-Kummissjoni 93/61/KEE (ĠU L 160, 18.6.2019, p. 14).

Artikolu 3

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fid-Direttiva 2002/55/KE, il-punt (b) tal-Artikolu 2(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) "ħxejjex": tfisser pjanti tal-ispeċijiet li ġejjin maħsuba għall-produzzjoni agrikola jew ortikulturali imma mhux għall-użu ornamentali:

Allium cepa L.

— Grupp Cepa (Basal, Echalion)

— Grupp Aggregatum (Shallot)

Allium fistulosum L. (Basal tal-għenieqed - Japanese bunching onion jew Welsh onion)

— il-varjetajiet kollha

Allium porrum L. (Kurrat)

— il-varjetajiet kollha

Allium sativum L. (Tewm)

— il-varjetajiet kollha

Allium schoenoprasum L. (Kurrat selvaġġ)

— il-varjetajiet kollha

Anthriscus cerefolium (L.) Hoffm. (Maxxita)

— il-varjetajiet kollha

Apium graveolens L.

— Grupp tal-Karfus

— Grupp tas-Celeriac

Asparagus officinalis L. (Asparagu Sfraġ)

— il-varjetajiet kollha

Beta vulgaris L.

— Grupp tal-Pitravi (Pitravi inkluż il-pitrava Cheltenham)

— Grupp tas-Selq (Spinach beet jew il-weraq tal-pitravi)

Brassica oleracea L.

— Grupp tal-Kaboċċi tal-Weraq

— Grupp tal-Pastard

— Grupp tal-Capitata (Kaboċċa Ħamra u Kaboċċa Bajda)

— Grupp tal-Brussel Sprouts

— Grupp tal-Ġdur

— Grupp tal-Kaboċċi Mfelfla (Savoy)

— Grupp tal-Brokkli (tat-tip kalabris jew tat-tip li jnibbet)

— Grupp tal-Kaboċċi tat-Toskana

— Grupp tal-Kaboċċi Portugiżi (Tronchuda)

Brassica rapa L.

— Grupp tal-Kaboċċi Ċiniżi

— Grupp tan-Nevew

Capsicum annuum L. (Bżar aħmar jew Bżar ieħor)

— il-varjetajiet kollha

Cichorium endivia L. (Indivja)

— il-varjetajiet kollha

Cichorium intybus L.

— Grupp taċ-Ċikwejra Witloof

— Grupp taċ-Ċikwejra tal-Weraq (Ċikwejra b'weraq kbir jew ċikwejra Taljana)

— Grupp taċ-Ċikwejra Industrijali (Għerq)

Citrullus lanatus (Thunb.) Matsum. et Nakai (Dulliegħ)

— il-varjetajiet kollha

Cucumis melo L. (Bettieħ)

— il-varjetajiet kollha

Cucumis sativus L.

— Grupp tal-Ħjar

— Grupp tal-Ħjar Żgħir

Cucurbita maxima Duchesne (Qara' aħmar)

— il-varjetajiet kollha

Cucurbita pepo L. (Qargħa bagħli, inkluż il-qargħa aħmar u l-qargħa arzella matur, jew Zukkini, inkluż il-qargħa arzella immatur)

— il-varjetajiet kollha

Cynara cardunculus L.

— Grupp tal-Qaqoċċ

— Grupp tal-Kardun

Daucus carota L. (Karrotti u Karrotti għall-għalf)

— il-varjetajiet kollha

Foeniculum vulgare Mill. (Bużbież)

— Grupp tal-Azoricum

Lactuca sativa L. (Ħass)

— il-varjetajiet kollha

Solanum lycopersicum L. (Tadam)

— il-varjetajiet kollha

Petroselinum crispum (Mill.) Nyman ex A. W. Hill

— Grupp tat-Tursin tal-Weraq

— Grupp tat-Tursin tal-Għerq Kbir

Phaseolus coccineus L. (Fażola ta' Spanja)

— il-varjetajiet kollha

Phaseolus vulgaris L.

— Grupp tal-Fażola Franċiża Żgħira

— Grupp tal-Fażola Franċiża li tixxeblek

Pisum sativum L.

— Grupp tal-Piżella Tonda

— Grupp tal-Piżella Mkemmxa

— Grupp tal-Piżella Ħelwa

Raphanus sativus L.

— Grupp tar-Ravanell

— Grupp tar-Ravanell Iswed

Rheum rhabarbarum L. (Rabarbru)

— il-varjetajiet kollha

Scorzonera hispanica L. (Scorzonera jew salsafja sewda)

— il-varjetajiet kollha

Solanum melongena L. (Brunġiel)

— il-varjetajiet kollha

Spinacia oleracea L. (Spinaċi)

— il-varjetajiet kollha

Valerianella locusta (L.) Laterr. (Insalata tal-qamħ jew Ħass tal-ħaruf)

— il-varjetajiet kollha

Vicia faba L. (Ful)

— il-varjetajiet kollha

Zea mays L.

— Grupp tal-Qamħirrum Ħelu

— Grupp tal-Popcorn

L-ibridi kollha tal-ispeċijiet u tal-Gruppi elenkati hawn fuq.”